**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 31 ta' Mejju, 2016**

**Citazzjoni Nru: 566/2002 AF**

**Globe Financial Investments Limited**

**vs**

**Mark Micallef ezercenti l-kummerc taht l-isem "Proinvest"**

Il-Qorti:

Rat iċ-ċitazzjoni ta' Globe Financial Investments Limted li permezz tagħha wara li ġie premess illi:

Permezz ta' kuntratt iffirmat mis-socjetà attrici u mill-konvenut fid-29 ta' April 1998 il-konvenut gie appuntat bhala "Project Manager" inkarigat bix-xogholijiet imsemmija f'dokument anness mal-istess kuntratt u mmarkat "Schedule 'A' Scope of Works", u dan wara li gie premess illi s-socjetà attrici tixtieq tesegwixxi xi xogholijiet fil-fond bin-numri 117, 118 u 119, The Strand, Gzira u illi l-konvenut huwa "project management consultant willing to undertake the supervision of the works" ordnati mis-socjetà attrici.

Ai termini tal-artikolu 3.01 tal-kuntratt precitat il-konvenut assuma r-responsabbilità li jizgura l-ezekuzzjoni xierqa tal-kuntratti ta' appalt u sub-appalt kollha sal-livell ta' "finishing" u fiz-zmien stipulat f'kull wiehed minn dawn il-kuntratti jew kif jigi stipulat mis-socjetà attrici minn zmien ghal zmien.

Fl-ezercizzju tal-inkarigu minnu assunt skond il-kuntratt precitat, il-konvenut hareg tender f'Settembru tal-1998 ghall-"*supply, installation and commissioning of an air-conditioning system*" skond dawk il-kondizzjonijiet, inkluz "technical specifications" u "*bills of quantity*" li deherulu zierqa u opportuni kif ukoll irrediga kuntratt ta' appalt ghall-"*supply, installation and commissioning of an air-conditioning system*" bejn l-appaltatur maghzul minnu, Bezzina Bros. Limited, u s-socjetà attrici.

Skond l-istess "*technical specifications*" il-konvenut ordna "*chiller*" ta' "cooling capacity" ta' 250KW filwaqt li c-"*chiller*" li effettivament gie fornit u installat, ostensibbilment taht il-harsien u supervizjoni tal-konvenut, kien ta' "*cooling capacity*" ta' 290KW.

Jirrizulta mhux biss illi c-"*chiller*" ta' 290KW kien eccessiv izda sahansitra illi b'rizultat tan-negligenza, imperizja u nuqqas ta' hila tal-konvenut, il-kalkoli tieghu u t-"*technical specifications*" minnu mahruga kienu zbaljati u l-"*cooling capacity*" ta' 250KW kien ukoll eccessiv ghall-fond in kwistjoni.

Il-konvenut interpellat kemm-il darba biex jipprovdi l-"*office block design brief*" u l-"*cooling load calculations*" li fuqhom hejja it-"*technical specifications*" in kwistjoni baqa' inadempjenti.

Is-socjetà attrici soffriet u ghadha ssofri danni ingenti peress illi b'rizultat tan-negligenza, imperizja u nuqqas ta' hila tal-konvenut akkwsitat u hallset ghal apparat li ghandu "*cooling capacity*" ferm aktar gholi minn dak li effettivament kellha bzonn u li fi kwalunkwe kaz ma tistax thaddem kif suppost peress illi s-"*supply*" tal-elettriku tal-Gvern fil-lokal in kwistjoni ma tlahhaqx l-290KW.

In oltre s-socjetà attrici ma setghetx thaddem l-apparat tal-arja kondizzjonata imsemmi minn Ottubru tas-sena 2000 sal-ahhar ta' Mejju tas-sena 2001 minhabba nuqqasijiet li irrizultaw fis-sistema ordnata mill-konvenut, liema waqfien mill-uzu irrizulta f'telf u spejjez zejda ghas-socjetà attrici.

Is-socjetà attrici inkarigat numru ta' esperti biex jistharrgu, jaghmlu verifiki u jirrakkomandaw x'azzjoni trid tittiehed mis-socjetà attrici biex l-apparat tal-arja kondizzjonata jkun jista' jithaddem, minn liema stharrig (vide dokumenti C u D redatti mill-Inginier David Abela u mill-Inginier Saviour Mifsud) kompla jirrizulta n-negligenza, imperizja u nuqqas ta' hila tal-konvenut fl-ezekuzzjoni tal-obbligi minnu assunti.

Fost in-nuqqasijiet tal-konvenut jirrizulta li dan naqas ghal kollox milli jezercita l-obbligi u l-poteri skond il-kuntratt tal-fornitura tal-impjant tal-"*air conditioning*" u cioè li jesigi li jsir *testing and commissioning* akkurat tal-istess impjant. Minhabba dan in-nuqqas huwa ippregudika il-posizzjoni tal-protestant fil-konfront tal-fornitur Bezzina Brothers Limited.

In-nuqqas imsemmi fil-paragrafu precedenti jammonta ghal abdikazzjoni totali mid-doveri tal-konvenut, u ghalhekk jekwivali ghal *culpa lata*.

Bin-negligenza tieghu il-konvenut ikkawza danni lis-socjetà attrici, liema danni jikkonsistu *inter alia* fil-fatt illi is-socjetà attrici xtrat impjant li qatt ma tista' thaddem sal-kapacità kompleta tieghu, ghall-fatt li l-impjant ghamel xhur shah ma jahdimx, u sofra hsara li ghada trid tissewwa, kif ukoll ghad-drittijiet li thallas l-istess konvenut ghal xoghol li wettaq hazin.

Is-socjetà attrici kienet interpellat lill-konvenut permezz ta' protest gudizzjarju sabiex dan jersaq ghall-likwidazzjoni tad-danni sofferti mis-socjetà attrici izda dan baqa' inadempjenti.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara illi l-konvenut m'osservax it-termini tal-obbligi kontrattwali tieghu veru s-socjetà attrici, anzi wera inadempjenza shiha.

2. Tiddikjara illi bin-negligenza tieghu il-konvenut ikkawza danni lis-socjetà attrici.

3. Tillikwida dawn l-istess danni.

4. Tikkundanna lill-konvenut ihallas id-danni hekk likwidati lis-socjetà attrici, u dana bl-ispejjez inkluzi dawk mandat ta' sekwestru numru 960/2002 kontra l-konvenut li jibqa' ngunt minn issa stess ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet ta' Mark Micallef li bil-ġurament tiegħu kkonferma:

It-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez billi mhux minnu li l-konvenut ma osservax it-termini tal-obbligi kontrattwali tieghu; mhux minnu li l-konvenut kien negligenti fix-xoghol tieghu u mhux minnu li l-konvenut ikkaguna xi danni lis-socjetà attrici.

Il-konvenut ma setax jesegwixxi partijiet mix-xoghol tieghu minhabba l-agir tas-socjetà attrici li injorat l-pariri tal-konvenut kif se jigu ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Kienet is-socjetà attrici stess li avzat lil konvenut biex ma jersaqx izjed 'on site' u ghalhekk ukoll il-konvenut ma setax jesegiwxxi x-xoghol kollu tieghu.

Rat illi fl-udjenza tas-17 ta' Jannar 2003 din il-Qorti diversament presjeduta ħatret lill-Avukat Dottor (illum Imħallef) Mark Chetcuti bħala perit legali u lill-inġinier Ray Spiteri bħala perit tekniku sabiex jassisti lill-perit legali.

Rat il-verbali tas-seduti miżmuma mill-perit legali.

Rat ir-relazzjoni tal-perit legali kif ukoll dik tal-perit tekniku.

Rat it-tweġibiet tal-perit legali u tal-perit tekniku għad-domandi in eskussjoni tal-konvenut.

Rat illi fuq talba tal-konvenut din il-Qorti laqgħet it-talba għall-nomina ta' periti perizjuri u għaldaqstant fl-udjenza tal-10 ta' Marzu 2011 ġew nominati l-Avukat Dottor Joseph Buttigieg bħala perit legali u l-inġinier Carmelo Cuschieri bħala periti tekniku addizzjonali kif ukoll l-inġinier Christopher Sammut li ġie maħtur permezz ta' digriet datat 27 ta' Ġunju 2011.

Rat is-sottomissjonijiet bil-miktub li saru mill-partijiet quddiem il-periti addizzjonali.

Rat ir-relazzjoni tal-perit legali addizzjonali u dik tal-periti tekniċi addizzjonali.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din l-azzjoni, s-socjetà attriċi qiegħda titlob illi l-konvenut jiġi kkundannat iħallas danni li skont l-istess attriċi ġew ikkawżati lilha mill-konvenut meta ma osservax it-termini tal-obbligi kontrattwali tiegħu u li wera inadempjenza sħiħa. Skont is-socjetà attriċi dawn id-danni jikkonsistu inter alia fil-fatt illi hija xtrat impjant li qatt ma tista tħaddem sal-kapaċità kompleta tiegħu, għall-fatt li l-impjant għamel xhur sħaħ ma jaħdimx, u sofra ħsara li għad trid tissewwa. Issemmi wkoll drittijiet li tħallas għal xogħol li wettaq ħażin. Il-konvenut wieġeb għat-talbiet attriċi billi qal illi huma infondati fil-fatt u fid-dritt peress illi mhuwiex minnu illi huwa ma osservax it-termini tal-obbligi kontrattwali tiegħu u lanqas ma huwa minnu li huwa kien negliġenti f'xogħolu jew li kkaġuna xi danni lis-socjetà attriċi. Huwa fisser l-eċċezzjonijiet tiegħu f'aktar dettal fid-dikjarazzjoni maħlufa tiegħu.

Jirrizulta illi l-konvenut ġie kontrattat mis-socjetà attriċi bħala '*Project Manager*' inkarigat b'diversi xogħolijiet imsemmija f'dokument anness mal-kuntratt iffirmat bejn il-partijiet fil-proprjeta bin-numru 117, 118 u 119, The Strand, Gżira, permezz ta' kuntratt datat 29 ta' April 1998. Skont klawsola numru 3.01 tal-kuntratt imsemmi, (fol. 6 et seq.), il-konvenut assuma r-responsabilità li jiżgura l-eżekuzzjoni xierqa tal-kuntratti ta' appalt u sub appalt kollha sal-livell ta' '*finishing*'

fiż-żmien stipulat jew kif kellu jiġi stipulat mis-socjetà attriċi. Inkluż fl-inkarigu tal-konvenut kien *'The preparation of the desgins, instructions to tenderers, conditions of contract specifications, bills of quantity, and drawings, as well as the general project management works covering the services installations and trades'* tas-sistemi tal-elettriku tal-proprjeta kif ukoll l-istallazjoni tal-*air conditioning and ventilation system* (fol. 8).

Il-konvenut jikkonferma fl-affidavit tiegħu li hu jew persuni kwalifikati ppreparaw id-disinn u speċifikazzjonijiet tas-sistema ta' *air conditioning* u anke pprepara it-*tender dokument* bl-ispeċifikazzjonjiet neċessarji. Jirriżulta li t-tender għal dawn ix-xogħolijiet ngħata lill-Bezzina Brothers Limited permezz ta' kuntratt bejn is-socjetà attriċi u l-kuntrattur Bezzina Brothers Limited datat 23 ta' Settembru 1998. Jirriżulta li ma hemmx qbil bejn il-partijiet dwar min kien effetivament iddeċieda li t-tender kellu jiġu mogħti lil dan il-kuntrattur.

Jirriżulta li ftit taż-żmien wara li ġiet installata s-sistema tal-*air conditioning* din ma baqgħetx tiffunzjona sew u ġiet ikkawżata ħsara lic-*chiller* installat. Din il-problema effettwat ukoll is-sistema elettrika tal-binja. Mill-provi prodotti jirriżulta li kien hemm diverġenzi bejn il-partijiet dwar x'kienet il-kawża tal-ħsara u l-malfunzjoni tas-sistema tal-*air conditioning*. Is-socjetà attriċi tgħid illi abbażi tal-opinjoni tal-esperti tekniċi inkarigati minnha, din il-ħsara kienet kaġun tal-fatt illi c-*chiller* in kwistjoni huwa eċċessiv għal binja kif ukoll eċċessiv għas-*supply* tal-elettriku provduta mill-Korporazzjoni Enemalta. Il-konvenut jgħid illi dan mhuwiex minnu u ppreżenta bħala prova il-kalkolazzjonijiet li saru mill-espert inkarigat minnu l-inġinier Paul Baldacchino li filfatt kien inkarigat mill-konvenut sabiex jipprovdi l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi neċċessarji għall-installazzjoni tal-*air conditioning system* tal-binja. Il-konvenut jallega wkoll li kien hemm ħafna nuqqasijiet da parti tal-kuntrattur imsemmi Bezzina Brothers Limited iżda hadd minn din is-socjetà ma tressaq sabiex jixhed mill-ebda parti fil-kawża.

Bħala prinċipju ta' dritt, huwa magħruf illi l-attur li jrid jipprova l-fatti minnu premessi u allegati. Huwa indubitat il-prinċipju li

min jallega jrid jipprova.  Kif qalet il-Qorti tal-Appell fil-kawża fl-ismijiet Carmel Mifsud Borg vs Kurt Farrugia, deċiża fil-11 ta' Diċembru 2009:

> "*F'kawża ċivili l-attur irid almenu jipprova fi grad li trid il-liġi u ċioe` f'dak ta' probabilità, illi huwa sofra ħsara b'tort tal-konvenut.  Jekk ma jagħmilx din il-prova l-azzjoni tiegħu ma tistax tirnexxi (ara Dr H Lenicker vs J Camilleri Prim Awla deċiża fil-31 ta' Mejju 1972*."

Din l-azzjoni hija bbażata fuq l-artikolu 1125 tal-Kodiċi Ċivili li jipprovdi li kull minn jonqos li jeżegwixxi obligazzjoni li huwa jkun ikkuntratta, hu obbligat għad-danni.  Fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Avukat Dottor Louis Cassar Pullicino noe vs Angelo Xuereb noe, deċiża fit-3 ta' Lulju 2003 din il-Qorti diversament presjeduta fissret id-differenza bejn l-azzjoni bbażata fuq responsabbilità kuntrattwali u dik akwiljana fejn ingħad:

> "*Kif ingħad, ir-responsabbilità għad-danni tista' tkun waħda minn żewġ tipi – (i) dik magħrufa bħala responsabbilità contrattuale u (ii) dik magħrufa bħala responsabbilità extra contrattuale jew aquiliana.  Dawn iż-żewġ tipi ta' reponsabbilità għad-danni għandhom numru ta' differenzi bejniethom, fosthom (i) l-oneru tal-prova; (ii) l-effetti ġuridiċi; u (iii) it-termino entro liema l-azzjoni għad-danni, nascenti mit-tip ta' responsabbilità speċifika, għandha tiġi istitwita.*
>
> *Fil-każ ta' azzjoni għad-danni nascenti minn responsabbilità contrattuale, l-attur għandu jipprova li huwa kellu favur tiegħu dik l-obligazzjoni kontrattwali u li l-konvenut kien inadempjenti fl-esekuzzjoni ta' dik l-obligazzjoni fil-konfront ta' l-istess attur.  F'din it-tip ta' azzjoni huwa l-konvenut li għandu oneru ta' prova iktar diffiċli impost fuqu, stante li l-konvenut għandu jiġġustifika l-inadempjenza kontrattwali tiegħu u jipprova li tali inadempjenza se mai rriżultat minħabba fattur fuq liema ma kellux kontroll*."

Ukoll fis-sentenza fl-ismijiet Vassallo vs Mizzi et, deċiża fid-9 ta' April 1949 (Vol. XXXIII.II.379):

*"l-ħtija meta tiġi kkunsidrata fl-entità tagħha, hija waħda; u taħt dan l-aspett ma hemmx distinzjoni bejn kolpa kontrattwali u dik komunement imsejħa aquiliana, li titnissel minn delitt jew kważi delitt. Id-differenza bejntihom tinsab fil-kawża u fil-grad. In kwantu għall-kawża, il-ħtija kontrattwali tippresupponi obbligazzjoni pre-eżistenti li magħha hija marbuta; mentri l-ħtija aquiliana tippresupponi fatti li minnu titnissel ex nunc. In kwantu għall-grad id-differenza hija riposta fl-estensjoni tar-responsabbilità fis-sens illi fil-kolpa kontrattwali wieħed jista' jirrispondi ta' ħtija ħafifa skond il-każ, mentri fil-kolpa aquiliana r-responsabbilità testendi ruħha b'mod li dwarha ma hemmx grad*."

Il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Josef Galea vs Combinatie Transport Services Limited pro et noe, deċiża fit-30 ta' Marzu 2001, fissret sewwa dan in-ness ta' kawża u effett meta qalet:

*"Allura l-attur isostni illi dawn id-danni kienu konsegwenzjali għall-fatt illi l-merkanzija ma kienitx waslet Malta u għall-fatt illi s-socjetà konvenuta kienet kontrattwalment inadempjenti. Il-prinċipju applikabbli kellu jkun dak illi kull wieħed kien responsabbli għad-danni li huwa jikkaġuna lill-ħaddieħor bl-għemil tiegħu.*

*Prinċipju indubjament korrett li kellu però jinqara mal-prinċipju l-ieħor illi kellu jiġu provat in-ness ta' kawża u effett bejn id-danni reklamati u l-aġir ta' min ikun ikkaġuna d-danni. Hu propju hawn illi dan l-aggravju jfalli. Filwaqt li m'hemm l-ebda dubju li s-socjetà konvenuta proprio kienet assumiet ir-responsabbilità sħiħa illi titrasporta l-merkanzija akkwistata mill-attur mill-Ingilterra għal Malta, anke jekk dan għamlitu tramite s-servizzi ta' socjetà oħra estera li tagħha kienet aġent, daqstant ieħor hu assodat illi r-relazzjoni kontrattwali bejn l-attur u s-socjetà konvenuta proprio kienet naxxenti mill-ftehim ta' ġarr ta' merkanzija. Dan ifisser illi kull dannu reklamat kellu neċessarjament ikun konsegwenzjali għall-aġir tas-socjetà konvenuta proprio fl-adempjament tal-obbligi taħt dak il-kuntratt*."

Ukoll il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza tagħha fl-ismijiet, Cassar Airconditioning Systems Limited vs Norman Zammit deċiża fl-1 ta' Marzu 2006:

> *"Il-Kodiċi Ċivili tagħna ma jikkontjeni ebda tifsira ta' x'inhu ness ta' kawżalità. Jgħid biss illi "kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu" (Artikolu 1031) li, indiskriminatament, huwa applikat mill-Qrati anke għal rapporti kontrattwali. Hu però elementari, tirrileva s-sentenza a Vol. XLI P II p 800, fuq it-tagħlim tal-Fadda (Giurisprudenza sul Codice Civile, Vol. V, paġna 721), illi "per dare luogo a responsabilità è necessario che esista un rapporto di causo ed effetto tra il fatto illecito e il danno". Din hi l-hekk imsejħa "kawżalità tal-fatt" fis-sens illi mentri ta' l-ewwel tirreferi għar-rapport li jorbot il-kondotta ma' l-event dannuż, fit-tieni, din tistabilixxi r-rilevanza ġuridika tal-konsegwenzi ekonomiċi sfavorevoli derivanti mill-fatt. In-ness hu allura dak l-istrument utiliżżat biex jiġi mputat id-dannu f'min hu responsabbli, kif ukoll biex tiġi determinata l-konsegwenza tal-fatt dannuż riżarċibbli*."

Minn natura tat-talbiet u eċċezzjonijiet tal-partijiet kif ukoll mill-assjem tal-provi huwa evidenti li l-mertu huwa wieħed tekniku. Għaldaqstant, il-Qorti purament hatret kemm perit legali kif ukoll perit tekniku sabiex jassisti lill-perit legali. Wara li ġew preżentati ir-rapporti rispettivi tagħhom u wara li saru domandi in eskussjoni estensivi lill-perit tekniku, il-konvenut għamel talba lill-Qorti għall-hatra ta' periti perizjuri. Il-Qorti laqgħet it-talba u għalhekk hatret perit legali mill-ġdid kif ukoll żewġ periti tekniċi sabiex jassistu l-perit legali. It-tlett periti tekniċi li rrelataw dwar din il-vertanza kienu inġiniera.

L-ewwel perit tekniku wasal għall-konklużjoni li l-konvenut kien jaħti għad-danni li soffriet is-socjetà attriċi minħabba li c-*chiller* li ġie installat '*was not verified for compatibility with the electrical installation*' fost konklużjonijiet oħra fis-sens illi l-konvenut kien negliġenti f'xogħolu u ma kellux esperjenza biżżejjed sabiex ikun inkarigat bid-disinn u superviżjoni tal-istallazzjoni tas-sistema. Speċifikament, il-perit tekniku kkonkluda li '*the electrical cable feeding the installed chiller*

*was undersized and was not adequate to ensure a safe supply of electricity to the chiller located on the roof*.' Il-perit legali, raġonevolment straħ fuq il-konklużjonijiet tekniċi tal-perit tekniku u għaldaqstant ikkonkluda li l-ħsarat rriżultaw '*bħala konsegwenza diretta tan-nuqqas tiegħu li jiddisinja u jordna u jimplimenta stallazzjoni ta' sistema ta' arja kondizzjonata adattata għal bini li kellu f'idejh u b'sistema elettrika li tikkomplimenta tali sistema*.'

Jirriżulta li l-periti perizjuri, wara li kkonsidraw il-provi kollha prodotti, inkluż ir-rapporti tekniċi ex parte kif ukoll ir-rapport tal-ewwel perit tekniku, waslu għall-konklużjonijiet diversi minn dawk tal-ewwel perit tekniku. Permezz ta' 35 konklużjoni, huma kkostataw illi ma rriżultalhomx illi l-konvenut kien responsabbli għall-lanjanzi mressqa mis-socjetà attriċi u għaldaqstant huma sabu li ma jirriżultax illi l-konvenut kkawża ebda danni lill-istess socjetà attriċi. In suċċint, wara li kkunsidraw l-ispeċifikazzjonijiet tac-*chiller* in kwistjoni, is-*supply* tal-elettriku, id-disinn u konsiderazzjonijiet tekniċi li għamel l-espert inkarigat mill-konvenut kif ukoll fatturi oħra rilevanti għal każ, huma ma sabux illi kien xi nuqqas tal-konvenut li wassal għall-funzjoni difettuza tas-sistema.

Il-perit legali addizzjonali wkoll straħ fuq il-konklużjonijiet tal-periti tekniċi. Huwa kkonkluda li mill-konklużjonijiet tal-periti tekniċi jirriżulta inekwivokabilment illi l-konvenut ma naqasx li jagħmel xejn minn dak li kien dovut jagħmel u li l-aġir tiegħu bl-ebda mod ma wassal għall-ħsara u d-danni reklamati mis-socjetà attriċi.

Dwar kunsiderazzjonijiet li l-Qorti għandha tagħti lir-rapport peritali, il-Qorti tirreferi għas-sentenza fl-ismijiet Vella Carmel vs Sammut Victor, deċiża fit-18 ta' Frar 2004 fejn intqal:

> "*Issa huwa paċifiku f'każijiet ta' din ix-xorta illi l-ġudizzju tal-Qorti kellu neċessarjament ikun bażat fuq l-opinjoni teknika tal-perit nominat minnha. Dan aktar u aktar fejn il-parti nteressata ma tkunx ipprevaliet ruħha mill-fakoltà lilha konċessa b'talba għan-nomina ta' periti addizzjonali. Ara "Giswarda Bugeja et -vs- Emmanuele Muscat et", Appell Civili, 23 ta' Gunju 1967*."

Huwa minnu li skont l-artikolu 681 tal-Kapitolu 12 il-Qorti ma hijiex tenuta jew marbuta li taċċetta l-konklużjonijiet tar-rapport tal-perit u li, bħal materjali istruttorji oħrajn huma kontrollabbli mill-ġudikant, kontra l-konvinzjoni tagħha nfisha. '*Dan però ma tistax tagħmlu b' mod leġġer jew kapriċċjuz. Il-konvinzjoni kuntrarja tagħha kellha tkun ben informata u bażata fuq raġunijiet li gravement ipoġġu fid-dubbju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b' raġunijiet li ma għandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni ta' l-aspett tekniku tal-materja taħt eżami*' (Philip Grima vs Carmelo Mamo *et nomine*, deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' Mejju 1998).

Ġie wkoll sewwa ritenut illi:

> "*f'ċirkostanzi bħal dawn ikun prużuntuż għall-ġudikant illi jiddipartixxi bla raġuni verament valida mir-relazzjoni peritali. Dana mhux biss għax ma kellux il-mezzi għad-disposizzjoni tiegħu biex serenement jinoltra ruħu fl-aspetti tekniċi tal-meritu, imma wkoll għaliex neċessarjament tkun tonqsu dik il-konoxxenza meħtieġa biex, b'mod kritiku, jasal għal konvinċiment divers minn dak li jkunu waslu għalih l-esperti minnu nominati*" (Benjamin Camilleri *nomine* vs Charles Debattista *nomine*, deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Frar 2001).

Fil-kawża Champalin Company Limited vs Emmanuel Debono et deċiża minn din il-Qorti fl-1 ta' Marzu 2004 ingħad:

> "*Ir-raġunament imfisser tant tajjeb fir-Rapport imressaq minnu jikkostitwixxi determinazzjoni ta' fatt li din il-Qorti sejra toqgħod fuqu għaliex, għalkemm dictum expertorum numquam transit in rem judicatam, il konklużjonijiet ta' perit tekniku jikkostitwixxu prova u mhux sempliċi opinjoni jew suspett. Tali fehmiet għandhom is-saħħa ta' prova bħal kull prova oħra ammissibbli fil-liġi, u jibqgħu jgawdu din il-kwalità sakemm ma jiġux kontestati, jew permezz ta' provi oħrajn kuntrarji għalihom jew inkella b'sottomissjonijiet serji u tajbin biżżejjed li juruhom bħala fehmiet inattendibbli u li ma jitwemmnux [App Civ 9/2/2001 – Camilleri vs Debattista]. Għalkemm il-Qorti m'hijiex*

*marbuta li toqgħod għal fehmiet ta' perit minnha maħtur kontra l-konvinzjoni tagħha nnifisha [Kap 12 Art 681], madankollu l-giudizio dell'arte ma jistax u m'għandux jitwarrab faċilment, sakemm ma jkunx jidher b'mod ċar li l-fehmiet u konklużjonijiet tal-perit huma irraġonevoli [App Civ 23/6/1967 Bugeja vs Muscat et].*" Ara wkoll is-sentenza tal-Qorti tal-Appell deċiża fit-30 ta' Mejju 2014 fl-ismijiet Geswalda Caruana vs Francis Xerri.

Kif ukoll kif qalet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Philip Grima vs Carmelo Mamo et, deċiża fid-29 ta' Mejju 1998:

"*Il-konklużjonijiet tal-perit tekniku jikkostitwixxu prova. Opinjoni li għandha valur probatorju daqs kull prova oħra u li tibqa' tipprevali sakemm ma tiġix kontrastata jew bi provi oħra li jikkontraduċuwha jew altrimenti b'sottomissjonijiet tal-parti li jinnewtralizzawha bħala waħda mhux attendibbli u kredibbli.*"

Kif diġà ngħad, jirriżulta li l-vertenza odjerna hija essenzjalment teknika. Għaldaqstant, hija mhijiex f'pożizzjoniji tisostitwixxi l-ġudizzju tagħha għal dak ta' tekniku sakemm ma jiġux indikati oġezzjonijiet gravi u serji u ta' ċertu piż (Marion Bonnett vs Mary Lewis, Appell Inferjuri, deċiża 1 ta' Marzu 1994). Din il-Qorti, priva minn tagħlim tekniku sabiex tapprezza l-provi u osservazzjonijiet illi tressqu mill-partijiet ma tistgħax tagħtihom apprezzament divers għal dak mogħti mill-periti tekniċi inkarigati minnha.

Ukoll kif qalet ukoll din il-Qorti fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Petroil Engineering Services Limited vs Oil and Construction International Limited et, deċiża fit-8 ta' Jannar 2007:

"*L-istitut tal-prova permezz ta' perizija huwa intiż sabiex l-Qorti tkun tista tistabilixxi fatti rilevanti għall-mertu ta' kawża illi jkunu ta' natura tali illi jirrikjedu taħriġ jew tagħlim speċjali jew speċjalizżat appuntu sabiex jiġu determinati.*"

F'dan il-każ jirriżulta li hemm żewġ periżji tekniċi konfliggenti. Il-liġi tipprovdi għal nomina ta' periti addizzjonali sabiex ikun hemm mezz ta' verifika tal-opinjoni teknika li l-ewwel perit ikun issottometta. (Ara f'dan is-sens is-sentenzi tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Camilleri vs Debattista, deċiża fid-9 ta' Frar 2001 u Ivan Borg pro et noe vs George Aquilina, deċiża fid-19 ta' Ottubru 2005).

Filwaqt illi jirriżulta li l-konvenut irrimetta ruħu għal konklużjonijiet tal-periti perizjuri, ma jirriżultax illi s-socjetà attriċi għażlet illi teskuti lill-periti jew tagħmel sottomissjonijiet dwar il-konklużjonijiet tagħhom. Il-periti tekniċi addizzjonali fir-rapport tagħhom fissru b'mod dettaljat għaliex huma ma kienux qiegħdin jaqblu mal-konklużjonijiet tal-ewwel perit tekniku. Ħafna minn dawn il-konklużjonijiet huma ta' natura teknika. Għaldaqstant, u fin-nuqqas ta' sottomissjonijiet dwar dawn il-konklużjonijiet da parti tas-socjetà attriċi, u wara li l-Qorti kkunsidrat il-provi mressqa mill-partijiet flimkien mal-konklużjonijiet tal-periti perizjuri, ma ssib illi hemm ebda raġuni għaliex m'għandhiex tikkondividi dawn il-konklużjonijiet tal-periti addizzjonali u b'hekk tagħmilhom tagħha b'dan illi ma ssibx illi s-socjetà attriċi rnexxilha tipprova li l-ħsara fis-sistema ta' *air conditioning* installata fil-proprjeta tas-socjetà attriċi kienet ikkawżata minn xi nuqqas tal-konvenut fl-obbligi kuntrattwali tiegħu jew illi kien negliġenti f'xogħolu huwa u jeżegwixxi dawn l-obbligi.

Għar-raġunijiet premessi, l-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad it-talbiet tas-socjetà attriċi bl-ispejjeż kontra tagħha.

IMHALLEF

DEP/REG